**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 165**

It-Tlieta, 7 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Alex Borg kien imsiefer fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici kien skużat.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 164 li saret fis-6 ta' Novembru 2023 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦAL ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-Aġent President ta' Malta għoġbu jagħti l-Kunsens tiegħu għal:

- **ATT Nru XXXVI tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4); u

- **ATT Nru XXXVII tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru 2).

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2482 Tweġiba għal mistoqsija parlamentari 26 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar investigazzjonijiet pendenti quddiem l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika; u

P.L. 2483 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Mark Attard Montalto et vs Anthony Micallef et (Rikors Numru 601/2021 TA), deċiża fl-14 ta' Marzu 2023 u dik tal-Appell datata 25 ta' Ottubru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11198 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2484 Ftehim dwar il-Paga Minima (National Agreement on the Minimum Wage as recommended by the Low Wage Commission) iffirmat fit-28 ta' Ottubru 2023, kif irrakomandat mill-Kummissjoni dwar il-Paga Minima, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13024;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2485 Tagħrif dwar in-numru ta' persuni li ħadu servizz minn kliniċi tal-psikjatrija f'Malta fil-perjodu bejn Jannar 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13054;

f'isem il-Ministru għal Għawdex, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2486 Tagħrif dwar in-numru ta' belisha beacons u pelican crossings li hemm f'Għawdex maqsuma skont it-triq, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12687; u

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2487 Tagħrif dwar in-numru ta' applikazzjonijiet pendenti għal swimming pool jew pixxina mal-Awtorità tal-Ippjanar, maqsuma lokalità b'lokalità fil-perjodu bejn Jannar 2018 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12578.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. MOZZJONI NUMRU 179 - MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2024 - IT-TIENI JUM IMĦOLLI KOLLU GĦALL-GVERN**

Il-Kamra rriżumiet mis-6 ta' Novembru 2023 id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2024.

Skont il-ftehim milħuq, l-Ispeaker stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu s-seduta dirett fuq it-televiżjoni. Id-diskors tal-Prim Ministru ġie mxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ.

L-Ispeaker informa li skont il-Mozzjoni Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2022 id-diskors kellu jkun eżenti mil-limitu ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49, u li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol kellu jkun fit-8.30 p.m.

L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Il-media ngħatat permess sabiex tiġbed ritratti u filmati għal ftit minuti.

Fis-6.31 p.m. il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, beda d-diskors tiegħu u s-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2488 Sovereign Rating ta' Malta mill-Creditreform datat 12 ta' Novembru 2021;

P.L. 2489 Artiklu li deher fuq is-sit online *The Economist* fit-12 ta' Ottubru 2023 bl-isem Which EU country is winning our economic pentathlon?;

P.L. 2490 Commission Staff Working Document – 2022 Country Report Malta (COM (2022) 620 final, datat 23 ta' Mejju 2022; u

P.L. 2491 Lista ta' mediċini li roħsu minn wara Settembru 2023 datata Novembru 2023.

Fit-8.37 p.m. il-Prim Ministru temm id-diskors tiegħu u l-Ispeaker irringrazzja lill-crew tat-televiżjoni tal-PBS u talabhom jirtiraw.

Fit-8.38 p.m. meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni Nru 179 imressqa mill-Ministru għall-Finanzi fil-31 ta' Ottubru 2023 biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2024 u billi ntalbet votazzjoni, din kellha tittieħed ħames minuti wara, skont il-Mozzjoni Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

Fit-8.39 p.m. is-seduta kienet sospiża għal ftit mumenti.

Fit-8.43 p.m. il-Kamra rriżumiet u meta l-Ispeaker reġa' qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni Nru 179, reġgħet intalbet votazzjoni.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 104** **ĦIN: 8.44 p.m.**

**FAVUR: 42**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia

Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Caruana Clyde
Dalli Miriam
De Battista Randolph
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zarb Romilda
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA: 33**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
de Marco Mario
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Paula
Said Chris
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

Il-mozzjoni għaddiet.

**AĠĠORNAMENT**

Fit-8.45 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2023, fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. **<u>Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista</u>**

   **<u>L-Ewwel Seduta Stabbilita - Ministeru għas-Saħħa</u>**

| | | |
|---|---|---|
| Vot 12 | - | Ministeru għas-Saħħa |
| Vot IV | - | Ministeru għas-Saħħa – Kapital |

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-3 ta' Ottubru 2023:*

2. L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (*Motion 185*)

3. L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (*Motion 186*)

4. Mozzjoni dwar estensjoni tat-terminu taċ-ċens temporanju oriġinali u r-rinunzja parzjali bejn il-Housing Authority u Malita Investments p.l.c (*Motion 187*)

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni fuq dan il-Ministeru kellu jieħu mhux aktar minn tliet sigħat bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

L-Onor. Andy Ellul informa wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet, u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fid-8.49 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**